ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 41 IT-TNEJN, 12 TA' MARZU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier (attenda fis-6.45pm)
Robert Reno Cremona – Kunsillier (attenda fis-7.15pm)
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier (attenda fis-6.43pm)
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żagħżagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**41/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**41/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**41/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 40**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 40 li nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsillier (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 40 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**41/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**41/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**41/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li impjegat tal-Kunsill irriżenja għaliex sab xogħol ieħor. Il-Kunsill beda l-proċess ta' impjieg ta' skrivan (skala 15) ġdid. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**41/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Għaqdiet ta' San Sebastjan dwar is-sehem tagħhom f'Jum Ħal Qormi. Il-Kunsill approva *nem.con*. **DOK "A1"**

**41/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmaw lill-Kunsill li l-

applkazzjoni tal-Kunsill għal-fondi għall-attivita' ta' Lejl f'Casal Fornaro ma ġietx aċċettata u ġiet meqjusa ineliġġibli minħabba żball tekniku. Il-Kunsill appella imma ma ġiex milqugħ. **DOK "A2"**

**Il-Kunsilliera Josef Aqulina u Jerome Caruana Cilia attendew f'dan l-istadju tal-laqgha fis-6.43pm u s-6.45pm rispettivament.**

**41/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq l-applikazzjoni PC 02/2018 sabiex triq skedata fit-tarf ta' Triq il-Biegħa ma tibqax skedata bħala triq. Il-Kunsill qabel unanimament li peress li din it-triq hija ppjanata li tgħaddi minn ġol-ġonna ta' Palazz stagno li huwa skedat u allura ma jistax isir l-ebda żvilupp, l-iskop ta' triq huwa frivolu. Madanakollu peress li hemm problema ta' għargħar fejn m'hemmx fejn imur l-ilma tax-xita, il-Kunsill mhux se joġġezzjona għal din l-applikazzjoni iżda jitlob li jkun hemm kundizzjoni li f'każ ta' żvilupp f'din il-parti, l-applikant għandu jkun obbligat li jgħaddi culvert minn taħt il-bini biex ikun hemm minn fejn jgħaddi l-ilma tax-xita. **DOK 'A3'**

**41/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mingħand Għaqda Qawmien u 14th Production. Il-Kunsill approva t-talbiet imressqin f'dawn l-ittri. **DOK 'A4'**

**41/04/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Kunsillier Marvin Zammit dwar proposta ta' One-Way fi Triq ir-Rignu. Il-Kunsill qabel unanimament li jressaq il-proposta lill-Perit anke dwar il-possibilta' li ssir roundabout (mpinġija fl-art) **DOK 'A5'**

**41/04/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li beda x-xogħol ta' bdil ta' bankini ta' Triq il-Kus.

**41/04/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li fuq stedina mill-Kumitat tar-Reġjuni Ewropej għal Konferenza dwar is-sigurta', huwa ddelega lill-Kunsillier Renald Falzon bħala kunsillier responsabbli mill-qasam biex jattendi għal din il-Konferenza li kellha kollox imħallas minnhom appart s-subsistence allowance li tħallas mill-Kunsill. **DOK 'A6'**

**41/04/09** **Il-Kunsillier Robert Reno Cremona attenda f'dan l-istadju tal-laqgha fis-7.15pm**.

**41/05** **RAPPORTI**

**41/05/01 APPROVAZZJONI TAS-SELF GĦAL XIRI TA' GARAXX**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan il-kwotazzjonijiet mill-banek lokali (BNF Malta, BOV plc, APS) (HSBC ma riedux jagħtu kwotazzjoni peress li m'għandniex kont magħhom) għall-approvazzjoni tal-Kunsill . Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li APS Bank biss approva li jagħti self ta' 90% tal-ispiża filwaqt li kellhom l-aħjar proposta bħala interessi.

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' APS Bank.

**Il-Kunsilier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**Intant, is-Sindku Jesmond Aquilina** spjega li jeħtieġ li ssir it-talba għall-bidla tal-firmatarji tal-kont tal-BNF Malta peress li din ma saritx wara l-bidla fis-Sindki.

Il-Kunsill approva unanimament biex hekk kif stipulat fil-liġi l-firmatarji tal-Kunsill huma is-Segretarju Eżekuttiv (Kenneth Brincat) u s-Sindku (Jesmond Aquilina). Għaldaqstant għandhom isiru l-arranġamenti ma' BNF Malta biex issir il-bidla fil-firmatarji kif riżolt hawn fuq.

**41/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**40/06/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: TISBIĦ TA' TRIQ SAN BARTOLOMEW (QUDDIEM IL-KNISJA TA' SAN SEBASTJAN L-QADIMA)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill .

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**41/06/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: RESTAWR TAT-TRIBUNA TA' PINTO**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill .

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**41/06/04 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** informa lill-kunsilliera li fil-Konferenza li attenda ġiet diskussa l-importanza tas-sigurta' fil-bliet u rħula madwar l-Ewropa partikolarment mit-theddida tat-terroriżmu. Huwa rringrazzja lis-Sindku tal-opportunita' li tah.

**41/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ FRAR 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Frar 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK ‘D1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2018
**b)** *Bank Payments* Frar 2018
**c)** *Petty Cash* Frar 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**41/08 MOZZJONIJIET**

**41/08/01 MOZZJONI 75/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li jiġu restawrati mill-ġdid in-niċċa ta San Ġwakkin u l-istatwa ta SanĠuzepp fi Triq il-Vitorja.*

**DOK ‘E1’**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 75/2018.

**41/08/02 MOZZJONI 76/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jagħti l-unur ta' Ċittadin Onorarju lil Sebastiano Finocchiaro għas-sehem li jagħti f'diversi għaqdiet fil-Parroċċa San Sebastjan fejn huwa meqjus bħala l-Ambaxxatur ta' Ħal Qormi.*

*Is-Sur Finocchiaro għal dawn l-aħħar 10 snin, ta' kull sena meta jkun hawn attivita ġewwa Ħal Qormi iġib it-turisti lejn Ħal Qormi minn Sqallija u fl-istess ħin bena relazzjonijiet tajba bejn Ħal Qormi u Santa Venerina li hija belt fi Sqallija.*

**DOK 'D2'**

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 76/2018.

**41/08/03 MOZZJONI 77/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex war konsultazzjoni mal-membri tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jagħti l-unur ta' Għarfien il-Ħila waqt iċ-ċerimonja ta' Jum Ħal Qormi lil dawn il-persuni:-*

| | |
|---|---|
| Saviour Bianchi | Arti, Muzika, Letteratura |
| Fr Reno Muscat | Arti, Muzika, Letteratura |
| Lawrence Saliba | Arti, Muzika, Letteratura |
| John Saliba | Arti, Muzika, Letteratura |
| Anthony Farrugia | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Claudia Aquilina | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Joe Testa | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Joseph Spiteri | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Melaine mifsud | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Noel Gauci | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Omar Ablett | Sehem fl-Ghaqdiet |

| | |
|---|---|
| Roderick Vella | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Mary Grace Gambin | Servizz lill-Komunita' |
| Sebastian Fenech | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Fr Joe Buhagiar | Servizz lill-Komunita' |
| Sr Frances Farrugia | Servizz lill-Komunita' |
| Noel Pace | Servizz lill-Kunsill |
| Rosianne Cutajar | Servizz lill-Kunsill |
| Ahwa Baldacchino | Sports |
| Leli Fenech | Sehem fl-Ghaqdiet |
| Jean Claude Spiteri | Sports |
| Team Despacito: Jonathan Galea / Antoine Schembri | Sports |
| Luke Magri | Zghazagh |
| Marika Xuereb | Zghazagh |
| Ramiro Mallia | Zghazagh |
| Redeemer Pirotta | Zghazagh |
| Bastjan tar-Roti | Intrapriza |
| Lino Mangion - In Memoriam | Sehem fl-Ghaqdiet |
| MAA-Daikin | Intrapriza |

**DOK 'E3'**

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 77/2018.

**41/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **iffirmati** |
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum it-Tnejn, 9 ta' April 2018.**